

Brussell, 20 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14542/17

DEVGEN 266
ACP 131
RELEX 999
TELECOM 307

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 20 ta' Novembru 2017

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14170/17

Suġġett: Id-Diġitali għall-Iżvilupp (D4D)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diġitali għall-Iżvilupp (D4D), kif adottati mill-Kunsill fit-3578 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Novembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diġitali għall-Iżvilupp

1. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar "L-integrazzjoni tas-soluzzjonijiet u teknoloġiji diġitali fil-politika tal-UE għall-iżvilupp"¹ u jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri biex jappoġġaw Teknoloġiji u Servizzi Diġitali fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp bħala faċilitaturi b'saħħithom ta' tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli, kif iddikjarat fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid. Id-diġitalizzazzjoni hija xprun essenzjali għall-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Tista' tikkontribwixxi biex jinkiseb progress f'oqsma bħall-ugwaljanza bejn is-sessi, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt, il-migrazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, l-enerġija u t-tibdil fil-klima, u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli. Id-Diġitali għall-Iżvilupp ser isegwi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jħaddan id-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem kollha, u li jippromwovi l-governanza demokratika u l-istat tad-dritt.
2. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar id-Diġitali għall-Iżvilupp (D4D)², li jipprovdi qafas għall-integrazzjoni tad-diġitalizzazzjoni fil-politika tal-UE għall-iżvilupp u jidentifika erba' oqsma ta' prijarità b'enfasi immedjata prinċipalment fuq l-Afrika. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li D4D tiġi promossa bħala qafas komprensiv fil-pajjiżi kollha fil-fażi tal-iżvilupp b'attenzjoni partikolari fuq daww fejn il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet diġitali huma l-akbar.
3. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex malajr kemm jista' jkun timplimenta l-approċċ D4D permezz ta' sensiela ta' azzjonijiet konkreti u mmexxija mid-domanda li ser jiġu mnedija matul il-perijodu 2017-2020. Huwa jappella wkoll lill-Kummissjoni biex iżżid l-iskala tal-proġetti pilota ta' suċċess. Il-Kunsill jistenna b'interess il-progress fl-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali, il-promozzjoni tal-governanza elettronika u l-ħiliet diġitali, it-tisħiħ tal-ekonomija diġitali u t-trawwim ta' ekosistemi ġodda inklużi opportunitajiet ta' finanzjament għal intrapriżi mikro, żgħar u medji. Negożji diġitali ġodda f'industriji kreattivi u kulturali għandhom ukoll jiġu promossi f'konformità mal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli.

¹ 14682/16

² Id-Diġitali għall-Iżvilupp: L-integrazzjoni ta' teknoloġiji u servizzi diġitali fil-politika tal-UE għall-iżvilupp, SWD(2017)157

4. Is-settur privat għandu rwol kruċjali fil-promozzjoni tad-diġitali għall-iżvilupp, b'mod partikolari f'termini ta' investimenti, innovazzjoni, għarfien tas-suq u għarfien espert. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-ingranaġġ ta' sorsi addizzjonali ta' finanzjament, u f'dak ir-rigward jilqa' t-tnedija tal-Pjan ta' Investiment Estern u l-ħolqien ta' opportunità ta' investiment iddedikat dwar id-diġitalizzazzjoni fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli bħala għodda prinċipali innovattiva sabiex jiġi mmobilizzat l-investiment pubbliku u privat u biex tiġi appoġġata l-ekonomija diġitali f'pajjiżi sħab. Il-Kunsill jisħaq dwar l-importanza tal-integrazzjoni tad-diġitalizzazzjoni fl-opportunitajiet ta' investiment l-oħra kollha sabiex jinħolqu sinerġiji.
5. Il-Kunsill jibqa' mħasseb li aktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja għad m'għandhiex aċċess għall-internet u jisħaq dwar il-ħtieġa li jirdoppjaw l-isforzi biex jitnaqqsu d-distakki diġitali fi ħdan u bejn il-pajjiżi, b'attenzjoni partikolari fuq il-pajjiżi l-inqas żviluppati. B'dan il-mod, għandha tingħata prijorità lit-titjib tal-aċċess għal konnettività tal-Internet affordabbli, b'mod partikolari f'żoni rurali u remoti fejn is-settur privat huwa assenti. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li ma jkunx hemm duplikazzjoni mas-servizzi ta' fornituri lokali eżistenti. Barra minn hekk, il-Kunsill jisħaq dwar l-importanza tal-multilingwiżmu online biex jiġi promoss l-aċċess universali u l-użu ta' Internet miftuħ u newtrali.
6. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jingħalaq id-distakk diġitali li qed jikber bejn is-sessi u jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-ekonomija diġitali minħabba t-tisħiħ tal-pożizzjoni politika, ekonomika u soċjali tagħhom, filwaqt li jippromwovi t-tgawdija sħiħa min-nisa u l-bniet tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jinkludi passi biex jingħelbu l-ostakoli eżistenti għall-aċċess u l-użu ta' teknoloġiji diġitali min-nisa u l-bniet kif ukoll miżuri mmirati għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tagħhom.

7. Il-Kunsill jisħaq dwar il-ħtieġa li tiġi aċċellerata l-introduzzjoni ta' servizzi ta' governanza elettronika u l-infrastruttura tas-servizzi diġitali bħala mezz biex jittejjeb l-ambjent kummerċjali, tiżdied it-trasparenza, u titnaqqas il-korruzzjoni, jiġu attirati l-investimenti tas-settur privat, tiżdied il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, tittejjeb l-istatistika, u jissaħħa l-aċċess għal servizzi pubbliċi u d-disponibbiltà ta' dawn is-servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini. Il-Kunsill ihegġegħ il-promozzjoni ta' għarfien espert eżistenti u l-aħjar prassi fis-servizzi tal-governanza elettronika fl-UE kollha. Il-Kunsill itenni li sistemi ta' identifikazzjoni robusti u inklużivi, inkluż l-identifikazzjoni elettronika u l-identifikazzjoni mobbli, jistgħu jikkontribwixxu għat-twettiq tad-dritt fundamentali għar-reġistrazzjoni tat-twelid u n-nazzjonalità u r-realizzazzjoni sussegwenti ta' drittijiet oħra. Id-diġitalizzazzjoni tar-reġistri pubbliċi tiffaċilita l-aċċess għal intitolamenti u servizzi u tikkontribwixxi għal governanza mtejbja, proċessi elettorali trasparenti u responsabbiltà kif ukoll parteċipazzjoni demokratika. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sjieda lokali u nazzjonali u r-rwol ewlieni tal-awtoritajiet pubbliċi li joħolqu u jimplimentaw qafas regolatorju ta' abilitazzjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-privatezza, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data.
8. Il-Kunsill jisħaq dwar il-ħtieġa li tissaħħa il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini online u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi pprovdut ambjent abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) biex joperaw liberament. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol importanti tas-CSOs fil-bini ta' ħliet diġitali u biex jgħinu lill-persuni u l-komunitajiet jadattaw għall-ekonomija diġitali, jibbenefikaw mill-opportunitajiet diġitali, u jinvolvu ruħhom f'demokrazija elettronika.
9. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar in-numru dejjem jikber u l-frekwenza tat-theddid ċibernetiku fuq livell globali, inklużi inċidenti ta' ċibersigurtà transkonfinali fuq skala kbira u operazzjonijiet ċibernetiċi koerċittivi. Huwa jisħaq dwar il-ħtieġa li jissaħħu ċ-ċibersigurtà u l-għieda kontra ċ-ċiberkriminalità, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi sħab, permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali u assistenza fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċibernetiċi. F'dak ir-rigward, il-Kunsill jisħaq dwar l-importanza li l-azzjonijiet kollha meħuda huma konformi mal-liġi internazzjonali u jsostnu l-Istat tad-Dritt fuq l-Internet. It-tisħiħ tal-fiduċja u s-sigurtà fl-ispace ċibernetiku huma fundamentali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u biex jiġu evitati theddidiet u attakki ġodda.

10. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-użu ulterjuri ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi fil-kuntest ta' kriżijiet umanitarji u interventi ta' tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, inkluż meta jwieġeb għal spostament sfurzat fit-tul, biex tittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tal-assistenza pprovduta, filwaqt li fl-istess ħin tkun żgurata l-protezzjoni tal-privatezza u l-prinċipju li ma ssir l-ebda ħsara. Is-soluzzjonijiet diġitali u l-użu tal-big data jistgħu jgħinu wkoll biex tinkiseb informazzjoni azzjonabbli għall-atturi tal-iżvilupp u umanitarji, u jistgħu għalhekk isaħħu r-rabta bejn l-azzjoni umanitarja u l-iżvilupp b'mod partikolari billi jsir użu aħjar ta' sistemi ta' twissija bikrija u mekkaniżmi ta' azzjoni bikrija.
11. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni u l-użu ta' teknoloġiji diġitali, inkluż big data u data miftuħa, bħala katalist biex jintlaħqu l-SDGs. Il-Kunsill iħeġġeġ il-produzzjoni u l-użu ta' data diżaggregata rilevanti ta' kwalità għolja u aċċessibbli biex tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni tal-SDGs u jiġi mmobilizzat l-appoġġ pubbliku lejn l-ilħuq tagħhom.
12. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-innovazzjonijiet, inklużi x-xjenzi tad-data, l-intelliġenza artifiċjali jew l-internet tal-oġġetti, jistgħu jwasslu għal soluzzjonijiet ġodda għall-iżvilupp u jinkoraġġixxi l-promozzjoni tagħhom u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet lokali f'dan ir-rigward.
13. Il-Kunsill jisħaq dwar il-ħtieġa li D4D tiġi integrata b'mod effettiv fil-politika tal-iżvilupp tal-UE sabiex jiġi żgurat potenzjal trasformattiv akbar. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-promozzjoni tal-koerenza politika għall-iżvilupp sostenibbli u tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tas-Suq Uniku Diġitali (DSM) tal-UE fil-politiki esterni tiegħu, speċjalment billi jipprovdi appoġġ għall-oqfsa regolatorji nazzjonali f'pajjiżi sħab, kif adatt, kif ukoll jippromwovi l-kummerċ diġitali transkonfinali.

14. Il-Kunsill jappella għal azzjonijiet konkreti li jistgħu jitwettqu fuq D4D mas-sħab Afrikani, b'mod partikolari fil-kuntest tas-summit UA-UE li jmiss u s-segwitu tiegħu. Il-Kunsill jistenna b'interess it-tnedija ta' proġetti emblematiċi dwar id-diġitalizzazzjoni kif deskritti fid-dokumenti tas-Summit mill-UE u l-Istati Membri fil-qafas ta' sħubija mgħedda mal-Afrika. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni biex timmappja possibbiltajiet għall-avvanz ta' soluzzjonijiet ta' governanza elettronika fil-pajjiżi Afrikani.
15. Il-Kunsill jilqa' wkoll inizzjattivi ulterjuri dwar id-diġitalizzazzjoni fil-Viċinat tal-UE, inkluż bħala segwitu għad-Dikjarazzjoni tat-Tieni Laqgħa Ministerjali tas-Sħubija tal-Lvant dwar l-Ekonomija Digitali³ u tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss.
16. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal skambji regolari bejn l-UE, l-Istati Membri u l-atturi rilevanti, inkluża s-soċjetà ċivili, id-dinja akkademika u s-settur privat, bil-ħsieb li jissaħħu l-komplementarjetà u s-sinerġiji, jiġu kondiviżi l-esperjenzi u t-tagħlimiet meħuda dwar approċċi D4D u jiġi żgurat impenn koordinat min-naħa tal-partijiet ikkonċernati kollha. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Kummissjoni biex twaqqaf grupp magħmul minn diversi partijiet ikkonċernati sabiex jikkondividu l-aħjar prassi u t-tagħlimiet meħuda mit-trasformazzjoni diġitali u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-atturi rilevanti kollha fil-kuntest ta' D4D, kif ukoll biex jagħmlu użu minn mekkaniżmi oħra eżistenti ta' koordinazzjoni. Il-kooperazzjoni u d-djalogu regolari ma' pajjiżi sħab u ma' sħab internazzjonali oħra hija wkoll importanti, inkluż għall-istabbiliment ta' standards internazzjonali u globali.

³ <https://www.eu2017.ee/sites/default/files/2017-10/MinisterialDeclaration.pdf>

17. L-Istati Membri mistiedna jespjoraw possibbiltajiet għall-integrazzjoni tad-diġitalizzazzjoni fil-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw il-kapaċitajiet u l-għarfien dwar D4D fost il-persunal tagħhom fil-kwartieri ġenerali u f'pajjiżi sħab sabiex titħaffef l-operazzjonalizzazzjoni tal-approċċ D4D u jittejbu l-koordinazzjoni u s-sinerġiji fil-qasam. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri mistiedna jsaħħu l-għarfien tal-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni fost il-pajjiżi sħab, waqt li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem kollha, b'mod partikolari l-libertà ta' espressjoni online u offline⁴.
18. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi aktar passi konkreti u tiżviluppa miri li jistgħu jitkejlu biex jiġi implimentat l-approċċ D4D, u biex taġġorna dwar il-progress li sar fuq bażi annwali bil-fomm u fil-qafas tar-rappurtar eżistenti. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tintegra D4D friflessjonijiet dwar il-finanzjament futur tal-azzjoni esterna tal-UE.

⁴ Kunsill Affarijiet Barranin, 12 ta' Mejju 2014, Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline, Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 9647/14; Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015 – 2019, Kunsill Affarijiet Barranin, 20 ta' Lulju 2015, Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10897/15